MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Rikors Ta Revoka Numru. 31/2012

**Josephine Darmenia**

**vs**

**Adrian Darmenia**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta’ Adrian Darmenia tal-20 ta’ Frar 2012;

Rat ir-risposta ta’ Josephine Darmenia tat-22 ta’ Marzu 2012;

Rat l-atti kollha u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fis-seduta tad-29 ta’ Marzu 2012;

Rat li r-rikors thalla ghal provvediment.

**Ikkunsidrat**

Dan ir-rikors ghar-revoka ta' mandat ta' zgumbrament isegwi kawza ta' separazzjoni bejn il-kontendenti deciza fit-28 ta' Ottubru 2010 u li minnha ma sarx appell. Il-kawza ghas-separazzjoni inbdiet mir-rikorrenti fejn inter alia talab li l-Qorti thallih ikompli jabita fid-dar konjugali anki wara s-separazzjoni; l-intimata fil-kontrotalba li ghamlet f'din il-kawza talbet ukoll inter alia li tibqa' tabita hi fid-dar konjugali ad eskluzjoni tar-rikorrenti.

Fis-sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja fuq citata il-Qorti in kwantu ghat-talbiet rikorrent iddecidiet dwar id-dar matrimonjali kif gej:
Tilqa' s-sitt talba limitatament u fis-sens kif fuq ordnat u stabbilit fis-sezzjoni intestata 'Dar Matrimonjali'; u konformement tordna lill-attur jivvaka d-dar matrimonjali fi zmien sena millum.

Fil-parti intesta 'Dar Matrimonjali' l-Qorti wara li vvalutat id-dar ghamlet ordni ta' bejgh bonarju mill-kontendenti verso l-prezz iffissat mill-Qorti u mhux anqas u f'nuqqas ta' bejgh bonarju gheluq sena mis-sentenza, dan il-fond seta' jinbiegh b'subbasta. F'din is-sena l-Qorti awtorizzat lir-rikorrenti (attur fil-kawza ta' separazzjoni) jabita ma' ibnu fid-dar matrimonjali u gheluq is-sena r-rikorrent gie ordnat permezz tal-istess sentenza jivvaka.

In kwantu ghal kontrotalba maghmula mill-intimata fejn jikkoncerna d-dritt ta' abitazzjoni rikjest minnha l-Qorti cahdet dan it-talba.

Jirrizulta illi l-fond matrimonjali ma nbieghx bonarjament u fis-16 ta' Dicembru 2011 cioe wara tlettax-il xahar u nofs mis-sentenza, l-intimata talbet il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament kontra r-rikorrenti li kien ghadu jabita fil-fond.

Jirrizulta wkoll illi pendenti din il-procedura ghar-revoka l-mandat gie ezegwit, ic-cwievet gew depozitati taht l-awtorita tal-Qorti u sar sekwestru ezekuttiv fuqhom mir-rikorrenti a bazi tas-sentenza ta' separazzjoni. In vista ta'

dan l-ewwel talba tar-rikorrenti biex il-Qorti twaqqaf provvizorjament l-ezekuzzjoni tal-mandat tinsab ezawrita bl-ezekuzzjoni tal-istess mandat.

B’daqshekk pero ma jfissirx li r-rikorrenti ma ghandux interess fil-proceduri billi hu qed jitlob li l-mandat hu invalidu u kwindi ghandu jigi ordnat ir-revoka. Jekk din it-talba tintlaqa’ s-sitwazzjoni terga lura ghall-istatus quo ante l-hrug tal-mandat ta’ zgumbrament minghajr pregudizju ghad-drittijiet tal-partijiet jekk tinsorgi dik is-sitwazzjoni bl-ilqugh ta’ dan ir-rikors.

Ir-rikorrenti qed jallega li l-mandat hu null u invalidu ghax mhux korrett illi r-rikorrenti li hu l-persuna li ghamel it-talba fis-separazzjoni biex jibqa’ fid-dar ghandu jkun hu li jigi kundannat minghajr ma hemm talba mill-parti l-ohra li tesigi tali kundanna. Hu jzid li anki jekk ghal grazzja tal-argument jinghad li hemm titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti dan it-titolu hu vizzjat b’difett procedurali fatali u jirrendih ineffikaci.

Din il-Qorti ma taqbilx ma’ dan l-argument. Fl-ewwel lok ir-rikorrenti talab lil Qorti li jibqa’ jirresjedi fid-dar matrimonjali anki wara s-separazzjoni. Il-Qorti in mertu ta’ din it-talba ikkonceditlu dan id-dritt pero limitatament ghal sena mid-data tas-sentenza. Oltre dik is-sena il-Qorti ordnat li ghandu jivvaka l-imsemmi fond jekk ma jkunx ghadu inbiegh. Din hi ordni ta’ Qorti cara in mertu ta’ talba maghmula mir-rikorrenti. Il-fatt li l-istess talba, ghalkemm mhix identika, saret mill-intimata u giet michuda, ma jfissirx b’daqshekk li dak deciz fil-konfront tieghu ma jghoddx meta din l-ordni harget mit-talba maghmula mill-istess rikorrenti.

It-titolu ezekuttiv hu s-sentenza u dak kontenut fiha liema titolu almenu in kwantu ghall-izgumbrament gie sospiz ghal sena skond l-istess ordni cioe s-sentenza tal-Qorti li stabbilit dan it-titolu. Dan hu titolu fil-konfront tal-rikorrenti li sar b’mod legali u hu proceduralment korrett. Tant hu hekk illi r-rikorrenti seta’ ma jaqbilx ma’ din l-ordni u jappella, haga li ma ghamilx u seta’ uza rimedji ohra li taghtih il-ligi jekk ma riedx jissokkombi ghal ordni ta’ Qorti

li deherlu kienet nulla qua titolu fil-konfront tieghu. Madankollu hi l-ligi stess fl-artikolu 55A(1) tal-Kap. 16 li taghti s-setgha tal-Qorti tiddisponi mid-dritt ta' abitazzjoni f'sentenza ta' separazzjoni fuq talba ta' kwalunkwe wiehed mill-kontendenti u dan id-dritt jista' jinghata ad eskluzjoni tal-parti l-ohra u ghal perjodu u kundizzjonijiet li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Ir-rikorrenti jattakka wkoll l-interess guridiku li ghandha l-intimata li titlob il-mandat ta' zgumbrament meta hi ma inghatatx dritt ta' access ghad-dar konjugali. Ir-rikorrenti jinsisti illi hu x-xerrej li ghandu dritt jitlob zgumbrament jekk l-istess intimata titlob il-bejgh b'subbasta tal-istess fond.

Hawn ukoll il-Qorti ma taqbilx. L-iskop wara l-ordni tal-Qorti hu sabiex ma jigrix dak li r-rikorrent qed jipprova jottjeni b'dan ir-rikors, cioe l-prolungament tal-abitazzjoni fid-dar matrimonjali kontra dak li ddisponiet is-sentenza tal-Qorti. Il-Qorti ordnat l-izgumbrament tar-rikorrenti wara sena mill-ghoti tas-sentenza fil-konfront tal-partijiet fil-kawza ghax huma ghandhom l-interess guridiku immedjat fl-ezitu u rizultanzi tal-vertenza. Hu car l-interess tal-intimata, ladarba entro s-sena imposta mill-Qorti, il-bejgh bonarju tad-dar matrimonjali ma sarx. Jekk l-istess intimata titlob, kif ghandha dritt, il-bejgh b'subbasta tad-dar matrimonjali, ghandha interess li d-dar tkun vakanti sabiex ma jkunx hemm problemi meta tigi biex tinbiegh u jingieb l-ahjar prezz billi ma jkunx hemm xkiel ghal xerrejja prospettivi. Dan hu dritt tal-intimata bhala koproprjetarja tal-fond matrimonjali li ghandha l-interess li s-sehem taghha fil-kommunjoni tal-proprjeta u tgawdija tieghu anki mill-aspett legali u mhux merament fiziku ma jigix imxekkel jew addirittura sfrattat mill-agir tar-rikorrenti kontra dak li imponietlu l-Qorti u li jidher li b'mod volontarju qed jipprova jisfida.

Il-Qorti mhix ser tidhol fi kwistjonijiet ta' min semmai ghandu jkollu t-tgawdija tal-proprjeta ladarba r-rikorrenti gie zgumbrat u anqas ser tidhol fil-mertu tal-azzjoni li ha r-rikorrenti billi ddepozita c-cwievet taht l-awtorita tal-Qorti. Din hi kwistjoni li ma tidholx fl-ambitu ta' dan ir-rikors. Ghal

kwistjonijiet ohra hemm il-ligi tal-koproprjeta u kull parti tista' tirregola ruhha kif imiss tenut kont dak li stabbilit is-sentenza ta' separazzjoni bejn il-kontendenti.

Il-Qorti ghalhekk ma tarax li r-rikorrenti jista' jirnexxi fit-talba tieghu kontra dak deciz b'mod car mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja fis-sentenza ta' separazzjoni tat-28 ta' Ottubru 2010 u kwindi qed tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez ibatihom l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------